MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-10 ta' Gunju, 2005

Talba Numru. 416/2005

**Joseph u Veneranda konjugi Dimech**

**vs**

**Mario Buontempo Tours Ltd.**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-8 ta' Frar 2005 fejn gie mitlub li s-socjeta' konvenuta tigi ikkundannata thallas lill-atturi s-somma ta' sitt mija tnejn u sebghin Liri Maltin (Lm672.00) li hija dovuta bhala rifuzjoni ta' hlas ta' prezz ghal vjagg/*tour* ghal Lourdes, liema *tour* gie ikkancellat mis-socjeta' konvenuta.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' zewg ittri interpellatorji datati 3 ta' Dicembru 2004 u 6 ta' Jannar 2005 u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tal-atturi sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat ai termini ta' l-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u ta' l-Artikoli 698 (2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li ghalkemm is-socjeta' konvenuta giet regolarment notifikata, naqset milli tidher meta gew ipprezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet tal-atturi u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-atturi s-somma ta' sitt mija tnejn u sebghin Liri Maltin (Lm672.00), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata ta' l-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjez ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta' konvenuta skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------